MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 5/2003

Joseph Farrugia
Eżerċenti l-kummerċ f'isem id-ditta
Farrugia Enterprises.

vs

Raymond Grech

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta illi:

Illi l-konvenut għandu jħallas lill-attur is-somma ta' sitt elef disa' mija  tnejn u sittin lira (LM 6,962) rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz ta' Merkanzija lili mibjugħa u lilu kkonsenjata.

Illi minkejja li l-konvenut ġie interpellat diversi drabi sabiex jersaq għall-ħlas, anke permezz ta' ittra bonarja, huwa baqa' inadempjenti.

Talab lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tikkundannah iħallas lill-attur is-somma ta' sitt elef disa' mija tnejn u sittin lira (LM6,962) rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz ta' merkanzija lilu mibjugħa u lilu kkonsenjata.
Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra bonarja datata 17 ta' Jannar 2003. tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru preżentati kontestwalment, u bl-imgħax kummerċjali mill-1 ta' Lulju, 2001, li hija d-data tal-aħħar konsenja, kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur maħlufa minnu.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa illi:

1. Illi fl-ewwel lok u preliminarjament din iċ-ċitazzjoni hija rrita u nulla billi l-attur naqas li jippreżenta flimkien ma' din iċ-ċitazzjoni id-dokumenti rilevanti sabiex jiġġustifika l-ammont minnu reklamat; l-inqas sempliċi statement sabiex il-konvenut ukun f'pożizzjoni li jikkontrolla.

2. Illi in linea preliminari wkoll din iċ-ċitazzjoni hija intempestiva billi għalkemm l-ammont pretiż mill-attur ma hux korrett, l-eċċipjenti ripetutament offra lill-attur sabiex jersqu bonarjament għall-verifika tal-kontijiet u ħlas ta' l-ammont dovut. Kien proprju l-attur li naqas li jersaq u għażel minflok li jibda dawn il-proċeduri. Għalhekk l-eċċipjenti ma għandux ibati spejjeż.

3. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju l-eċċipjenti jirrikonoxxi li huwa debitur fil-konfront ta' l-attur madanakollu l-ammont dovut huwa sostanzjalment inqas.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjeż.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut konfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat in-nota ta' l-attur tat-3 ta' Novembru 2009 fejn irriduċa t-talba għal Lm1150, pari llum għal EUR2678.77.

Rat il-verbal tagħha tal-21 ta' April 2010 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.
Rat in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur qed jirreklama mingħand il-konvenut dak li jippretendi li għad baqgħalu jitħallas bħala bilanċ ta' prezz ta' merkanzija lilu mibjugħa u kkonsenjata. Il-konvenut qed jikkontesta t-talba bħala esaġerata.

In linea preliminari l-konvenut eċċepixxa n-nullita' taċ-ċitazzjoni għax ma ġietx akkumpanjata mid-dokumenti rilevanti li fuqhom hija bbażata l-kawża. Jikkontendi li minħabba f'hekk huwa ma setax jikkontrolla kemm kien tassew l-ammont pretiż. Konsegwentement eċċepixxa wkoll l-intempestivita' ta' l-azzjoni, billi huwa kien ilu jitlob lill-attur sabiex jiltaqgħu ħalli jiċċaraw x'kien tassew dovut. Il-fatt pero' li ma ġewx ippreżentati d-dokumenti maċ-ċitazzjoni m'għandux iġib in-nullita', imma jista' jittieħed in konsiderazzjoni mill-Qorti meta tiġi biex talloka l-ispejjeż tal-kawża, kemm-il darba jista' jirriżulta li ħtija ta' dan in-nuqqas, il-konvenut sofra xi preġudizzju. L-istess għandu japplika għall-eċċezzjoni ta' l-intempestivita'.

Wara li fil-mori tas-smiegħ tal-kawża, l-konvenut għamel pagament ta' dak li fil-fehma tiegħu kien realment dovut lill-attur, l-ammont in kontestazzjoni rriduċa ruħu għas-somma ta' Lm1150, li skond l-attur tirrappreżenta merkanzija li tagħha ma nħarġitx *invoice*, imma xorta waħda ttieħdet mill-konvenut. L-attur spjega li dan ġara billi kien hemm okkażżjonijiet fejn il-konvenut kien ikun mgħaġġel biex jilħaq il-vapur ħalli jirritorna Għawdex, u

biex ma jinħeliex ħin, kien imur mal-lavrant tiegħu fl-imħażen tiegħu, jagħżel ix-xogħol, u sussegwentement hu jiġi infurmat permezz ta' telefonata b'dak li jkun ittieħed. Il-konvenut pero' ma jaqbel xejn ma din il-verżjoni ta' l-attur, u jinsisti illi, għalkemm huwa minnu illi ġieli mar mal-lavrant ta' l-attur biex jagħżel xi merkanzija mill-imħażen tiegħu, huwa dejjem kien jirritorna minnufih għand l-attur biex jinfurmah b'li jkun ħa u dan kien jirrilaxxja l-fattura relattiva. Il-Qorti rinfaċċjata b'dawn iż-żewġ verżjonijet konfliġġenti, trid tagħżel bejniethom dik li fil-fehma tagħha tista' tkun l-iżjed verosimili. Fin-nuqqas ta' provi oħra li jissostanzjaw dak li qed jallega l-attur, u tenut kont li ma tantx jista' jkun kredibbli li negozjant u *wholesaler*, bħal ma' hu l-attur, li neċessarjament ikollu jittratta ma' klijenti diversi, jista' qatt jaċċetta li jaddotta sistema bħal dik minnu mfissra u jirrilaxxja merkanzija minn taħt idejh mingħajr ebda kontrolli ta' xejn, tagħżel li temmen lill-konvenut. Terġa' jirriżulta mill-atti li ġia kien sar pagament għall-istess ammont ta' Lm1150 permezz ta' *cheque* maħruġ fl-20 ta' Diċembru 2000,[1] u trid tkun kumbinazzjoni tassew kbira li proprju għadu dovut ammont identiku. Għalhekk fin-nuqqas ta' prova konkreta illi l-ammont li għadu kontestat huwa dovut, ma tistax tilqa' t-talba ta' l-attur għall-kundanna tal-ħlas ta' din is-somma mill-konvenut.

Fir-rigward ta' l-imgħaxijiet dovuti fuq l-ammont realment dovut li fil-fatt tħallas fil-mori tal-kawża, u ċioe' Lm6743[2] - Lm1150[3] = Lm5593, hija l-fehma tagħha illi dawn għandhom jiddekorru biss minn meta l-attur ta spjegazzjoni dettaljata tal-merkanzija li tagħha kien għadu qed jippretendi l-ħlas u esebixxa l-*invoices* relattivi, u ċioe' mit-22 ta' April 2008 sa meta sar il-pagament effettiv fl-24 ta' Ġunju 2009.[4] Dan għaliex kien biss f'dak il-mument li jista' jingħad li l-konvenut tpoġġa f'pożizzjoni li jikkontrolla mar-*records* tiegħu kemm tassew il-pretensjonijiet attriċi kienu f'waqthom.

---

[1] Dok. S 3 a fol. 116 tal-process .
[2] kif jirrizulta mill-istatement Dok. JF 1 a fol. 15 .
[3] l-ammont li baqa' in kontestazzjoni .
[4] ara Nota ta' riduzzjoni a fol. 131 .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi:

(i) tiċħad it-talba ta' l-attur għall-ħlas ta' l-ammont ta' Lm1150 li jippretendi li għadhom dovuti mingħand il-konvenut u

(ii) tilqa' t-talba għall-imgħaxijiet fuq l-ammont realment dovut li tħallas fil-mori tal-kawża, u ċioe' fuq is-somma ta' ħamest elef ħames mija tlieta u disgħin lira maltija (Lm5593), pari llum għal tlettax-il elf wieħed u tletin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (EUR13031.69) b'effett mit-22 ta' April 2008 sal-24 ta' Gunju 2009.

L-ispejjeż tal-kawża, fiċ-ċirkostanzi, jitħallsu kwantu għal tliet kwarti (3/4) mill-attur u kwart (1/4) mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------